**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Distrett Naxxar**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Walter Cutajar**

**Illum, 19 ta' Frar, 2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni mressqa kontra Walter Cutajar, bil-karta tal-identità numru 130666(M), fejn gie akkuzat talli fil-21 ta' Jannar 2019, gewwa dawn il-gzejjer, minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorità tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas xi dejn, jew fixkel lil Joseph Galea u Rita Galea, fil-pussess ta' hwejjighom, meta qabbad lill-haddiem tieghu jghaddi *conduits* minn proprjetà li tinsab fil-pussess tal-konjugi Galea, u li dwarha hemm proceduri legali ghaddejjin il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Accediet fuq is-sit in kwistjoni.

Semghet trattazzjoni;

Rat li din il-kawza giet differita ghas-sentenza;

Rat li l-partijiet kienu qabblu li l-provi f'din il-kawza, jghoddu wkoll bhala prova fil-kawza, Pulizija vs Joseph Galea, u li din il-kawza ghandha timxi flimkien mal-kawza, Pulizija vs Joseph Galea.

Rat l-atti kollha tal-kawza, Pulizija vs Joseph Galea, li fiha gie wkoll ivverbalizzat li l-provi migbura f'dik il-kawza, kellhom jghoddu bhal provi f'din il-kawza, u li dik il-kawza kellha timxi flimkien mal-kawza odjerna.

**Ikkunsidrat;**

Mill-provi prodotti f'din il-kawza, u fil-kawza, Pulizija vs Joseph Galea, irrizultat is-segwenti xhieda:

**PS 894** xehed li nhar il-21 ta' Jannar 2019, Walter Cutajar mar jirraporta li kellu xi haddiema gewwa residenza tieghu, fejn kienu qed iwahhlu pajp tal-*conduit* minhabba l-*fibre-optic,* fi *drive in* tieghu, fuq barra tar-residenza. Spjega li Cutajar qal li madwar 10 minuti wara li telqu l-haddiema, xi hadd qatta' l-imsemmi pajp. Spjega li fil-11 ta' Frar 2019, Cutajar rega' ghamel rapport iehor li fit-28 ta' Jannar 2019, sab il-pajpijiet tad-dawra kollha mqaccta, xi *sockets* imkissra, u fejn il-garr tieghu Joseph Galea, kien tella' grada mal-hajt, li skont il-kwerelant, hi proprjetà privata tieghu. Spjega li Walter stqarr li Joseph ammetta mal-haddiem, li kien hu li qala' l-pajpijiet u kisser is-*sockets*. Spjega li meta tkellem ma' Galea, dan qallu li kien hemm digà kawza kontra Cutajar, u li kien digà rebah kawza kontra Cutajar, fejn giet maqtugha li dawk l-ambjenti, huma proprjetà ta' Joseph.

**Joseph Galea** xehed li f'Dok JG1, hemm indikat l-*outline* tal-proprjetà tieghu. F'Dok JG2, hemm imbaghad indikat, id-delimitazzjoni taz-zewg proprjetajiet, filwaqt li mmarka b'salib l-parti tal-art li fuqha hemm il-kontestazzjoni. Sostna li huwa akkwista l-art kollha permezz ta' kuntratt. Sostna li Walter Cutajar ghandu biss access biex jidhol. Izda waqt li kien qed jibni, Cutajar tella' l-hajt, u x'hin staqsieh dwaru, dan kien qallu li ghamel il-hajt biex Galea jkun jista' jaqbad mieghu, u jigi mal-*gate*. Spjega li meta huwa gab il-bennej, Cutajar prova jwaqqaf lill-benneja. Huwa ghandu l-klieb, u ghalhekk ghamel bieba biex ikunu jistghu joqghodu f'dik il-bicca. Qal li f'okkazzjoni minnhom, huwa dar minn gewwa u fetah il-bieba, u sab li kien hemm il-pajpijiet. Dan sehh waqt li già kien hemm il-kawza ghaddejja. Qal li kien ghalhekk li huwa nehha dawn il-pajpijiet. Spjega li dawn il-pajpijiet rahom fil-bidu tas-sena 2019.

Qal li huwa ra van abjad u sema' xi cekcik, u ghalhekk nizel fil-karozza, filwaqt li baqa' josserva lil dan il-haddiem. Spjega li meta tkellem ma' dan il-haddiem, dan qal li l-persuna li nkarigatu jaghmel ix-xogholijiet, infurmatu li seta' jghaddi l-pajpijiet minn fuq dik l-art in kontestazzjoni. Spjega li dan il-haddiem kien qallu li kien ser jghaddi l-pajpijiet minn barra. Sostna li huwa halla l-haxix twil minhabba l-klieb, u hallih hekk ukoll, sakemm tinqata' l-kawza. Insista li skont il-Perit Grech, Cutajar ghandu sal-*main gate*, u li quddiem il-*gate* tieghu, lanqas ma hija proprjetà tieghu.

Kompla jghid li wara li sab dawn il-pajpijiet, u wara li dawn twahhlu fuq in-naha ta' barra, huwa dawwar skont is-*siteplan* tieghu, xibka hadra, biex il-klieb ma johorgulux, u sabiex ma jergax jidhol Cutajar fil-proprjetà tieghu. Sostna li din il-bicca art hija accessibbli biss mill-proprjetà tieghu, u li Cutajar, biex jidhol, irid jaqbez mic-cint.

In kontroezami, Galea sostna li qabel ma saret ix-xibka u l-*conduits*, din l-*area* kienet accessibbli ghal kulhadd, ghaliex huwa ried jaghmel giebja fil-*front garden*, u halla dik il-bicca biex tihdol. Sostna li l-*front garden,* ma wasslux sax-xifer biex ikun jista' jidhol il-makkinarju biex jaghmel il-giebja. Kellu wkoll il-klieb, u ghalhekk ma setghax ihalli l-*front garden* miftuh. Ikkonferma li l-*area* in kwistjoni fejn hemm sigra, u fuq ix-xellug taghha, tidher il-*gate* ta' Cutajar. Fejn hemm l-istruttura l-hadra, hija l-entratura ghall-proprjetà tieghu. Spjega li qabel ma saret ix-xibka, il-klieb tieghu kienu jkunu gol-proprjetà tieghu.

Ikkonferma li huwa jippretendi li din l-*area* in kontestazzjoni, hija proprjetà tiegħu. Qabel kien hemm ħajt tas-sejjieħ antik minn mal-*gate* tiegħu, u Cutajar qalgħu u tella' ċint. Ikkonferma li huwa tella' struttura tal-*fence* tal-ħadid f'din l-*area,* li kienet accessibbli għal kulħadd. Dan għamlu għaliex qed jimxi skont il-pjanta, u jemmen li din l-*area* hija proprjetà tiegħu. Illum-il ġurnata, din l-*area* ma għadhiex accessibbli, minħabba l-istruttura tal-ħadid u xibka li saret minnu. Sostna li meta ra li Cutajar qabeż iċ-ċint u daħal fil-proprjetà, huwa kellu bilfors jgħollih. Ikkonferma li meta seħħ l-inċident fejn osserva l-pajpijiet, iċ-ċint kien ġià nbena, u biex tidħol f'din l-*area*, persuna kellha taqbeż iċ-ċint. Spjega li huwa tella' xibka mad-dawra taċ-ċint. Sostna li fix-xibka, m'hemmx bieb, iżda fil-ħajt hemm bieb, biex huwa jkun jista' jidħol.

**Sigismond Saliba** xehed li huwa għadda pajp tal-conduit tal-*fibre optic* fuq struzzjonijiet ta' Walter Cutajar. Spjega li kien tkellem ma' tal-GO, u dan il-pajp kellu jgħaddi minn post fejn l-inqas jkun hemm bendjaturi. Spjega li dan seħħ f' 2019 u qisu xi xahrejn qabel. Dan il-pajp ġie mgħoddi minn ġo biċċa fejn kien hemm qisha ħamrija. Spjega li kienet tidher qisha abbandunata, u għaddieħ minn mal-ħajt biex jaqsam għal mal-arblu. Spjega li wara li għadda dan il-pajp, xi ħadd qabad u qaċċat kollox. Spjega li din l-*area* fejn għadda l-pajp minnha, kienet accessibbli, u ma kienx hemm xibka jew xi struttura tal-ħadid fiha. Sostna li l-istruzzjonijiet minn fejn kellu jiġu mgħoddi dan il-pajp, ma ġewx mogħtija minn Walter Cutajar. Spjega li kien hu flimkien ma' tal-GO, li għażlu li jgħaddu l-pajp minn din l-*area*, għaliex kien hemm inqas bendjaturi. Spjega li wara li nqalgħu, huwa ma reġax waħħalhom f'dak il-post, u ġew mgħoddija minn barra tal-ħajt. Meta tqatta' l-ħajt biex jitwaħħal il-*conduit*, ma kien hemm l-ebda stuttura f'dik l-*area.* Spjega li meta f'okkażżjoni oħra, kien mar f'dawn l-ambjenti, huwa osserva li l-parti fejn huwa kien għadda l-pajp fil-bidu, kienet ġiet magħluqa, u ma għadhiex accessibbli kif kienet.

In kontroeżami, huwa spjega li fid-diskursata bejnu u bejn tal-GO dwar fejn kellu jeħel il-pajp tal-*conduit*, kien hemm preżenti Cutajar. Id-deċiżjoni kienet bejnu u bejn tal-GO. Sostna li Cutajar kien ħalla f'idejhom. Spjega li ħadd ma nfurmah li ma setax jidħol f'din l-*area.* Spjega li wara li nqalgħu dawn il-pajpijiet, instabet soluzzjoni billi l-pajpijiet ġew mgħoddija min-naħa ta' barra tal-istess ħajt. Sostna li huwa jaf lil Galea, għax dan kien qagħad josservah jaħdem, wara li sab il-pajpijiet mkissra. Spjega li huwa kien avviċina lil Galea, u nfurmah li darb' oħra, messu kellmu qabel ma qaċċat il-pajpijiet. Spjega li kienet ġiet mart Galea, u bdiet tgħid li lanqas maċ-ċint ma riedet li jsir il-pajp, iżda mbagħad, Galea kien qallu li seta' jsir minn barra. Huwa kkonferma li huwa ġie nkarigat biex jagħmel ix-xogħolijiet minn Cutajar.

**Walter Cutajar** xehed illi Joseph Galea huwa l-garr tieghu, u ghandu l-proprjetà tieghu tmiss mal-proprjetà taghhom. Spjega li ghandhom kwistjoni fuq il-bicca art quddiem il-proprjetà taghhom. Spjega li din l-art hija *front garden,* u huwa gieli kien jidhol biex jaqta' l-haxix hazin. Spjega li din l-art kienet accessibbli ghalih. Spjega li huwa applika biex idahhal il-*fiber optic*. Spjega li tal-GO riedu li mill-arblu fejn jinzlu s-servizzi, jidhol dritt mal-proprjetà sabiex il-pajp jghaddi dritt. Spjega li huwa qalilhom li l-ahjar li ma jghaddux min-nofs, ghaliex din l-art, bhalissa, hemm kwistjoni dwarha fil-Qorti. Spjega li dawn qalulu li kienu ser jghadduh mill-genb. Spjega li fil-21 ta' Jannar 2019, wara li l-haddiema lestew il-*conduit*, l-ewwel sab bicca mill-*conduit* imqaccat u l-pajpijiet mghawwgin. Sar tkissir wkoll fil-*junction box*. Huwa spjega li ma ra lil hadd iqaccathom. Kompla jghid li wara li nehha l-*conduit* imkisser, huwa sab mac-cint, xibka mtella' tal-azzar miksija bid-drapp. Spjega li kien Galea li ghamel dan l-ilqugh. Spjega li minhabba dik ix-xibka tal-hadid, huwa ma baqalux access ghal din l-art.

**In Kontroezami,** xehed li sar mandat ghaliex kien hemm cint li tnehha. Insista li huwa ghamilha cara ma' tal-GO u mal-haddiem, li l-pajp ma ghandux jigi mghoddi min-nofs, u halla f'idejhom. Qal li kien qalilhom li hemm kawza bejniethom. Il-haddiem kien kuntrattur privat. Spjega li huwa jippretendi li jithalla l-access li kellu qabel. Din l-art kif inhi bhalissa, giet parti integrali mill-proprjetà ta' Joseph Galea.

In riezami, huwa spjega li l-pajp tal-*conduit*, dam inqas minn erbgha u ghoxrin siegha qabel ma' gie maqlugh.

In **kontroezami,** huwa halla f'idejn tal-GO u l-haddiem li nkariga, biex jiehdu hsieb jaraw minn fejn ghandu jghaddi dan il-pajp. Spjega li l-haddiem Sultana, kien gie nkarigat minnu. Huwa spjega li ma kellux ghalfejn jinforma lill-haddiema li dwar din l-art minn fejn kienu ser jghaddu l-pajp, kien hemm pendenti kawza civili. Spjega li din l-art kienet bil-hamrija, u kien jitla' l-haxix fiha. Qal li kien inehhi l-haxix hazin minnha. Sostna li mir-ritratti ezebiti, jidher li l-arbuxelli kienu gholjin, izda fix-xitwa, bix-xita, il-haxix hazin jitla' hekk anke f'gimaghtejn. Spjega li sakemm saret ix-xibka, huwa kien jiehu hsieb jidhol fl-art u jnehhi l-haxix hazin. Mistoqsi dwar l-ittra li ntbaghtet ghan-nom ta' Galea, huwa qal li kien irceviha.

**Ikkunsidrat:**

Fil-Liġi Maltija, l-elementi tar-reat ta' raggion fattasi, kif imhadna fil-gurisprudenza Maltija, jirriflettu l-analizi tal-gurista Taljan Francesco Carrara, fil-kitba tieghu, Esposizioni dei Delitti in specie – parte speciale del Programma del corso di diritto criminale, Volum 5, Lucca, 1868, fejn, f'pagna 487, para 2850 itenni l-elementi ta' dan ir-reat bħala:

"*1.o Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo*

*2.o Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto*

*3.o Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati*

*4.o Mancanza di titolo piu' grave."*

Fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Spiru Bartolo nhar id-disgha (9)ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006), inqtal hekk:

*"Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta l-elementi kostituttivi tar-reat ta' "ragion fattasi" taht l-art.85 tal-Kodici Kriminali huma erbgha u cioe' :-*

*(a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li tkun qieghed igawdi, liema att iku n esegwit kontra loppozizzjoni, espressa jew prezunta, ta' dan il-hadd iehor;*

*(b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt ;*

*(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika ; u*

*(d) n-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi. (Ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia"[17.2.95] ; "Il-Pulizija vs. Reno Micallef"[6.6.95] ; "Il-Pulizija vs. Mark John Schembri"[18.9.2002] u ohrajn)."*

Tal-istess portata, kienet id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Mario Lungaro, fit-18 ta' Novembru 1996:

*"Biex jikkonfigura ruhu r-reat ta' ragion fattasi, iridu jikkonkorru dawn l-elementi: "(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema at*

*t ikun ezegwit kontra lopposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta' Frar, 1995; Il-Puliziia v. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., Annotazioni alle Leggi Criminali (Malta), 1872, p. 123)."*

*Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ragion fattasi jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".*

Din il-Qorti tqies illi fil-kliem tal-ligi nfisha, biex jissussisti r-reat tar-ragion fattasi, jinhtieg li l-imputat "ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejjgu." Fi kliem iehor, jinhtieg att estern li jispolja lil haddiehor minn oggett li jkun qieghed igawdi. Jekk il-pussess ikun digà qieghed ghand l-imputat u l-imputat jaghzel li jzomm dan il-pussess, ma jkun qieghed jaghmel l-ebda att estern, li permezz tieghu inehhi l-oggett mill-pussess tat-terz, u jimpussessa ruhu minnu. Fil-kawza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Eileen Said, deciza fid-19 ta' Gunju 2002, il-Qorti tal-Appelli Kriminali, spjegat li:

*"Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gia' ikollu. Hemm bzonn li jkun hemm att pozitti v li jippriva lit-terz, jew ifixklu fil-pussess tal-haga ghax kif jghid il-Carrara (Prog. Parte Speciale Vol 5 para 2850):-*

*'L' atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell' attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo", il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale."*

Dwar dan il-punt, hemm ukoll dottrina u gurisprudenza Taljana dwar ir-reat ta' ragion fattasi, li minnu l-legislatur Malti, kien gie kjarament ispirat, li tghallem li z-zamma jew rifjut ta' konsenja ta' oggetti per se, ma twassalx ghal dan ir-reat ta' ragion fattasi. Skont il-Majno, "*E per parita di ragione fu giudicato non costituire delitto di esercizio arbitrario il semp lice fatto di trattenere e rifiutarsi a restituire".(*Codice per il Regno d'Italia, Luigi Maino – Libro II, Titolo IV, Art. 235 e 236, Para 1189, fol. 6).

Maino jaghmel referenza ghal Carrara, u jissenjala li:

"*…non puo' costituire delitto di ragion fattasi la semplice continuazione di un possesso preesistente: qui continuat non attentat: occore la violazione del possesso altrui.*
*L' atto esterno (costituente il reato di ragion fattasi) deve- cosi Carrara0 pirvare altri contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell' attuale godimento di un bene, e continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque, perche' la legge protegge lo statu quo, il quale*
*non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o*
*per decreto dell' Autorita' giudiziale. (L. Maino,* Commento al Codice Penale Italian o, Volume IV UTET Torino 1922).

Il-Qorti taghmel referenza ghall-princippji legali enunzjati mill-Professur Sir Anthony J Mamo, fejn qal:

"*The material element consists, as we have said in depriving another person of a right or thing he is enjoying. The offence, therefore, does not arise where the act consists merely in the retention of possession already enjoyed by the agent: Qui coninuat non attentat.*

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti fliet il-provi kollha. Il-kwerelanti lmentaw li sabu pajpijiet tal-*conduit* ghaddejjin mill-art, li skont huma, hija proprjetà taghhom. Il-kwerelant xehed li huwa baqa' fil-pussess ta' din l-art, li llum-il gurnata, l-access ghal din l-art huwa biss, tramite l-proprjetà tieghu biss. Da parti tieghu, l-imputat sostna li huwa kellu pussess ta' din l-art, u li kien jidhol fiha meta jfettilu biex jindukraha. Ghalhekk, jidher li dak iz-zmien meta saru l-pajpijiet, huwa kellu l-pussess ta' din l-art.

Fil-kaz prezenti, din il-Qorti tqies li l-akkuza ta' raggion fattasi, ma gietx sodisfacentement ippruvata. Dana peress li fuq l-istegwra tal-gurisprudenza fuq kwotata, gie ppruvat li l-imputat kellu già l-pussess ta' din l-art, u ghalhekk japplika

l-principju ta' *continuat non attentat*. In oltre, in vista tal-fatt li l-kwerelanti baqalhom access ghal din l-art, tali imputazzjoni ma tistax tigi ppruvata. Gialadarba, hemm access ghal din l-art, ma hemmx agir li jammonta ghal spussessament ta' hwejjeg li kienu fil-pussess tal-parte civile. Din il-Qorti tqies ukoll li l-imputat qabad u nehha dawn il-pajpijiet hu stess, tant kien ghad baqalu access ghal din l-art.

In oltre, din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li dawn il-pajpijiet ma tpoggewx fuq struzzjonijiet tal-imputat, hekk kif taqra l-imputazzjoni. In fatti, l-imputazzjoni taqra li l-imputat qabbad lill-haddiem tieghu jghaddi *conduits* minn proprjetà li tinsab fil-pussess tal-konjugi Galea, u li dwarha hemm proceduri legali ghaddejjin il-Qorti. Mill-provi rrizulta li dawn il-pajpjiet, tghaddew minn din l-art, wara li tkellmu rapprezentanti tal-GO u l-haddiem nkarigat mill-imputat. In vista li kien ahjar li ma jkunx hemm hafna ksur, u li l-pajp jghaddi bl-iktar mod dritt possibbli, il-haddiem inkarigat mill-imputat, wasal ghal decizjoni li jghaddi minn dik l-art. Ma giex ippruvat bl-ebda mod, li l-imputat ta struzzjonijiet biex jghaddi dawn il-pajpijiet minn din l-art. Din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni, ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli, it-tieni u t-tielet elementi fuq citati, biex jissussisti dan ir-reat, u cioè l-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; u l-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio', dak li jmissu jsir permezz tal-awtorità pubblika.

**Decide**

Abbazi tal-kunsiderazzjonijiet suesposti, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 85(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuza migjuba kontrih, u tilliberah minn kull htija u piena.

Magistrat Dr. Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Registratur